

## **Informazzjoni dwar is-segwitu tal-ilment irreġistrat bir-referenza CHAP(2015)1071**

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd sostanzjali ta' lmenti dwar l-inkompatibbiltà possibbli tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-imħallfin onorarji, inkluż il-viċi prosekuturi onorarji, fl-Italja ma' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE dwar ix-xogħol.

Il-Kummissjoni rreġistrat dawn l-ittri bin-numru ta' referenza CHAP(2015)1071.

Fid-dawl tal-għadd kbir ħafna ta' lmenti li waslu fuq din il-kwistjoni, il-Kummissjoni qiegħda tippubblika dan l-avviż fuq is-sit web Europa sabiex tinforma lill-partijiet kollha kkonċernati filwaqt li tagħmel l-aktar użu ekonomiku tar-riżorsi amministrattivi tagħha.

Abbażi ta' dawn l-ilmenti, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni rigward il-konformità tal-liġi Taljana mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u tad-Direttiva dwar ix-Xogħol għal Żmien Fiss.

Sadanittant, fis-7 ta' Awwissu 2017, il-Giudice di Pace di L'Aquila (l-Italja) ressaq talba għal deċiżjoni preliminari (Kawża C-472/17 *Di Girolamo*, ĠU C 347, 16.10.2017, p. 15-16) lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE).

Fis-6 ta' Settembru 2018, il-QĠUE ddikjarat il-kawża inammissibbli (ĠU C 399 05.11.2018, p. 13).

Fl-1 ta' Ottubru 2018, il-Giudice di Pace di L'Aquila (l-Italja) ressaq talba ġdida għal deċiżjoni preliminari fil-kawża C-618/18 *Di Girolamo*, ĠU OJ C 25 21.01.2019, p.16). U fit-22 ta' Ottubru 2018, il-Giudice di pace di Bologna (l-Italja) ukoll ressaq mistoqsija simili lill-QĠUE fil-kawża C-658/18 UX (ĠU C 25 21.01.2019, p.19).

Dawn il-proċeduri għal deċiżjoni preliminari bħalissa jinsabu pendenti quddiem il-QĠUE. Billi l-punti mqajma fit-talbiet għal deċiżjoni preliminari huma fil-qofol tal-investigazzjoni li qiegħda twettaq il-Kummissjoni, il-Kummissjoni qiegħda tistenna r-riżultat ta' din il-kawża qabel ma tiddeċiedi kif għandha tipproċedi.

Il-Kummissjoni se żżomm lill-ilmentaturi infurmati fuq is-segwitu li jsir għall-ilmenti tagħhom permezz ta' dan is-sit.